# F'MARSALFORN

*Ta'* Guże' Cardona

(Lill-Prof. Gużè Aquilina fi żmien ta' krizi)

Sħana sajfija ta' Settembru niexef,
Għoljiet ibajdu taħt ix-xemx qalila,
Widien taflija, safranin jittewbu,
U raba' mnażża' mill-ilbies tax-xitwa.
It-triq mir-Rabat żigarella mgħawġa
Tistaħba fil-widien, bl-għoljiet mgħottija,
Issibha usa x'ħin b'karozza tinżel,
Sakemm b'xi karettun ma tidjieqx iżjed.
Oh x'faraġ ħelu wara t-trab u n-nixfa
Id-dehra ħajja tal-mewġiet u l-ħdura
Tas-siġar li jħaddnuk, bajja ħanina;

Tad-djar mlewna, in-nies għad-dell jistrieħu
Mill-għeja, mit-taħbit ta' sena sħiħa.
U donnu dar ir-riħ wis-sajf ittaffa;
In-nixfa hdiet, ħajjitna bdiet tistejqer
Kif rajna lil xulxin mill-aħħar darba,
Minn l-aħħar darba, meta l-moħħ iberren
Fuq studju u kotba ma tnikkirx ihewden
Bla bżonn jitħassar did-dgħjufija tagħna.
Inkunu tabilħaqq dgħajfin, qawwija
Daqskemm it-telqa jew ħidmiet jaħkmuna
U nħallu ħsebijiet koroh jifnuna.
Għalhekk, ħabib, ma nintelqux, inqumu
Bil-ħsieb utieq li wara s-sajf u l-ħedla
Għad ruħna tħaddar bil-ħidmiet t'Ottubru!

Sliema, 7 ta' Settembru, 1962.